MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru 734/2009

Il-Pulizija
(Spettur Gabriel Micallef)

vs

Anthony Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 233460M, akkuzat:

- li nhar il- 25 ta’ Lulju 2009 f’San Pawl il-Bahar f’xi hin bejn nofs il-lejl u s-saghtejn ta’ filghodu kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Paul Vassallo skond ma ccertifika Dr Glen Micallef M.D. (Reg numru 5139) tal-Isptar Mater Dei.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat li kkawza griehi fuq Paul Vassallo. Dan sehh fil-25 ta’ Lulju 2009. Mix-xhieda tal-parti leza u bintu, li kienet prezenti waqt l-incident, jidher li l-imputat agredixxa lill-imsemmi Vassallo minghajr ebda gustifikazzjoni u kkawzalu ferita li skond ix-xhieda tat-tabib kienet fonda u fuq il-parti tax-xellug tar-ras ftit ‘il fuq mill-widna tax-xellug. Meta xehdet il-parti leza circa tlett snin mill-incident il-Qorti kkonstatat li l-ferita halliet marka fuq mohh ix-xhud u kienet visibbli. Dan jikklassifika l-ferita’ bhala gravi fl-ambitu tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9.

L-imputat fl-ahhar udjenza qabel din tal-lum irregistra ammissjoni u l-parti leza rrinunzjat ghal dak kollu li kien rinunzjabbli. Anka jekk ir-rinunzja f’kawza bhala din m’ghandha ebda effett legali certament ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fl-entita’ ta’ piena.

Tiddikjara l-imputat hati. Rat l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9. Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------